# Esiġeżi tal-Ewwel Qari
# tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent (Sena Ċ)

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**
**(Ġer 33:14-16)**

Ara, għad jiġu jiem
– oraklu tal-Mulej –
meta nġib fuq dar Iżrael u dar Ġuda
l-ġid li wegħedthom.
F'dawk il-jiem u f'dak iż-żmien
intalla' min-nisel ta' David rimja tas-sewwa,
bniedem li jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż.
F'dawk il-jiem Ġuda jinħeles
u Ġerusalemm tgħammar b'moħħha mistrieħ,
u għalhekk isejħulha:
Il-Mulej is-sewwa tagħna.

Il-Kelma tal-Mulej.
R/. Irroddu ħajr lil Alla.

Fil-ktieb tal-Profeta Ġeremija, fil-kapitlu 23:5 diġà nsibu xi ħaġa simili għal dan il-qari:

**Araw, għad jasal żmien,**
**oraklu tal-Mulej,**
**meta nqajjem lil David rimja ġusta,**
**li jsaltan ta' sultan,**
**u jmexxi bil-għaqal**
**u jagħmel is-sewwa u l-ħaqq fil-pajjiż.**
**(Ġer 23:5)**

Dan il-qari ukoll ma nsibuhx fit-traduzzjoni tal-bibbja bil-Grieg u allura x'aktarx li kien miżjud mal-oriġinali wara l-eżilju meta l-kundizzjonijiet koroh tal-ħajja għamluha meħtieġa li jkun hemm tama ġdida għall-poplu kollu.

Min qed jitkellem? Huwa Alla li qed jitkellem f'dan l-oraklu. Alla ser inaddaf lill-poplu tiegħu u jaħfrilhom il-ħażen tagħhom. F'dan il-jum fil-futur, il-belt ta' Ġerusalemm se tkun għall-Mulej isem ta' ferħ, tifħir, u dekorazzjoni glorjuża murija bi kburija lill-ġnus kollha, li se jisimgħu it-tjubija ta' YHWH mal-poplu tal-Patt. Minħabba din it-tjubija u sliem, il-ġnus se jirtogħdu: tant hu hekk li jistgħu saħansitra jiġu huma nfushom biex iqimu lil YHWH.

Formula estiża ta' kif jitkellem "messaġġier" tipprovdi l-isfond għal dan l-oraklu.
Fiha, il-kompilatur jippreżenta lil Alla jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li djar ta' Ġerusalemm—inklużi dawk li jappartjenu għall-palazz irjali—tkissru biex isaħħu l-ħajt tal-belt kontra attakkanti Kaldej, u ukoll li rġiel li jiddefendu l-belt qed jimlew il-fdalijiet bil-katavri tal-vittmi tal-gwerra. Alla jgħid li n-nies inqattlu minħabba r-rabja tiegħu u li wiċċu mdawwar in-naħa 'l oħra minħabba l-ħażen kollu li wettaq il-ġens.

Dan l-oraklu, bħal dak ta' qabel f'kapitlu 23:5, jiġi għand Ġeremija waqt li hu magħluq fil-qorti tal-għassa. Jista' jkun li hu f'dan iż-żmien ukoll li ingħata lill-udjenza li hu l-ġens ta' Ġuda.

Nħarsu iktar mill-qrib lejn il-qari:

Darbtejn insibu l-frażi: "f'dawk il-jiem."
Hija frażi użata ħafna mill-Profeta Ġeremija: madwar ħmistax-il darba. Ħafna drabi hija użata biex tagħmel enfasi fuq iż-żmien sabiħ li ġej. Mhijiex frażi li titkellem fuq il-futur eskatoloġiku, jiġifieri fuq iż-żminijiet wara l-mewt, imma għal żmien li ġej fl-istorja stess. Hija xewqa għall-**Messjaniżmu**.

X'inhu l-"Messjaniżmu"?

Il-Messjaniżmu huwa t-tama tal-Lhud li jerġa' jasal żmien tad-deheb fil-ġejjieni qrib, li jerġa' jqajjem miegħu ż-żmien tad-deheb tal-passat, jiġifieri, iż- żmien tas-saltna kif mmexxija mis-Sultan David.

be HOLD

Il-Messjaniżmu huwa l-predikazzjoni ta’ “Era tad-Deheb fil-Ġejjieni” li fiha l-figura ċentrali hija “sultan,” x'aktarx ta’ nisel minn David, u li hu maħtur minn Alla. Kienet tixxandar it-tama li matul iż-"żmien tal-Messija", il-poplu Ebrajk se jiġi vindikat, il-ħażniet tiegħu jiġu rranġati, il-ħażen imnaddaf minn f’nofsu, u l-post leġittimu tal-poplu fid-dinja jkun assigurat. Il-Messija se jippronunzja d-dannu fuq l-għedewwa ta’ Iżrael; se jagħti premju u kastig fil-verità u fil-ġustizzja; u se jservi bħala sultan ideali li jmexxi lid-dinja kollha.

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li f’dan il-ktieb ta’ Ġeremija hemm spirtu kontra d-dinastija Davidika, imqanqla minn skuntentizza kkawżata mill-imġieba negattiva tal-aħħar slaten ta’ Ġuda u n-nuqqas ta’ attenzjoni tagħhom għall-impenji tal-Patt. Din it-tendenza waslet ukoll biex tiġi relativiżżata l-wegħda li s-sultan kien se jappartjeni lid-dinastija Davidika, biex minflok jissostitwiha u tkun skond “il-qalb ta’ Alla” (Ġer 3:15). Dan it-test jirrifletti dak li nsibu f’kitbiet oħra rigward is-sultan b’mod li l-belt divina tkun imbierka:

**Ikun imbierek il-Mulej, Alla tiegħek, li tgħaxxaq bik u qiegħdek fuq it-tron ta’ Iżrael, għaliex il-Mulej dejjem ħabb lil Iżrael u għamlek sultan fuqhom biex tagħmel il-ħaqq u l-ġustizzja.**
(1 Re 10:9)

Kbira tkun setegħtu,
u s-sliem bla qjies
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa,
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej tal-eżerċti tagħmel dan.
**(Iż 9:6)**

O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek,
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan,
biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja,
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek.
Jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu,
tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja.
Hu jħares id-dritt tal-imsejknin tal-poplu,
isalva l-fqajrin u jrażżan 'il min jgħakkishom.
**(Salm 72:1-4)**

Għandna l-wegħda li l-Mulej ser iġib "dar Iżrael u dar Ġuda". Kif jgħid it-test stess, din id-dar ser ittella' "rimja tas-sewwa" li temfasizza mhux biss il-leġittimità tad-dixxendenti imma, aktar minn hekk, attitudni pożittiva rigward il-Patt li huma kienu għamlu. L-irwol kien li "jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż".

Skond il-profeta Ġeremija stess, fi ftit kapitli qabel, dan kien xogħol is-sultan:

**Taħseb int li qiegħed issaltan,**
**għax miklub għaċ-ċedru?**
**Jaqaw missierek ma kienx jiekol u jixrob?**
**Ma kienx jagħmel il-ħaqq u s-sewwa,**
**u kellu r-riżq?**
**Kien jagħmel il-ħaqq mal-magħkus,**
**u kellu r-riżq**
**u mal-fqir;**
**Mhux dan ifisser tagħraf lili?**
**Oraklu tal-Mulej.**
**(Ġer 22:15-16)**

*“Intalla’ min-nisel ta’ David rimja tas-sewwa.”*
Permezz tal-frażi “rimja tas-sewwa,” il-profeta qed jalludi li ħadd mir-rejiet li kien hemm ħajjin ma’ huma tajbin, jew denji, imma huwa l-Mulej li ser iqajjem lil din il-persuna, jew Messija.
Fejn tissemma' “rimja ġusta”, naraw li Ġeremija qiegħed indirettament jikkundanna lil Ġeħojakim, li kien l-aktar sultan inġust (ara 22:13–17), u v 6b qiegħed indirettament jikkundanna lil Sedekija, li ma għexx skont it-tifsira ta’ ismu, jiġifieri,
**“Is-sewwa tiegħi hu l-Mulej.”**
Forsi Ġeremija qed jgħid li s-sultan futur se jkun differenti minn dawn it-tnejn!

### *Konklużjoni*

Għalkemm il-poplu kien 'il bogħod minn Alla, xorta waħda Alla ma jabbandunax lill-poplu tiegħu u jwiegħed li ser jibgħatlu sultan li ser ikun ferm aħjar –li ser ikun "bniedem ġust."

Nitolbu lill-Mulej biex aħna u nibdew din il-mixja tal-Avvent ikollna qalbna miftuħa biex nippreparaw għall-miġja tiegħu.

Nikkonkludi bil-kliem tas-salmista li ser nisimgħu fil-Liturġija tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent:

## Salm 24(25):4bċ-5ab,8-9,10,14

Triqatek, Mulej, għarrafni,
il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi. R/.

Tajjeb u sewwa l-Mulej;
għalhekk juri triqtu lill-ħatja.
Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,
jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu. R/.

Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà
għal min iħares il-patt u l-liġijiet tiegħu.
Midħla l-Mulej ta' dawk li jibżgħu minnu,
lilhom jgħarraf il-patt tiegħu. R/.